KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 24

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

It-Tlieta 19 ta' Settembru, 2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-6:10 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi

ASSENTI

Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Dott. Dean Hili – Sindku Pembroke

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 24.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

24.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta’ apoloġija mingħand is-Sindku ta’ Ta’ Xbiex, is-Sur Max Zammit, is-Sindku ta’ l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, u mill-Viċi Sindku ta’ Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu minħabba impenji oħra.

24.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri ta’ apoloġija.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 23 li nżammet nhar it-Tnejn 28 ta’ Awwissu 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

24.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta’ Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, sekondata mis-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci.

## 24.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Laqgħa mas-Sur Ramon Deguara*

24.3.1 Il-President spjega kif il-ġurnata ta’ qabel, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellu laqgħa mad-Direttur Ġenerali tal-*Cleansing and Maintenance Division*, fejn ġew infurmati li ġie mwaqqaf grupp bejn Enemalta, Divizjoni tiegħu u uffiċjali minn Transport Malta, fost oħra, fejn qed isir inventorju li kull awtorità taqa taħt ir-responsabilità tiegħu u ssir il-manutenzjoni li hemm bżonn.

24.3.2 Hu żied jgħid kif hu ġie nfurmat kif f’dan ir-Reġjun l-ewwel kontrenċazzjoni ser tkun qed issir fuq il-lokalitajiet ta’ San Ġiljan b’enfasi fl-area ta’ paceville.

24.3.3 Is-Sur Anthony Dalli spjega kif hu diġa kien iltaqa ma’ uffiċjali li kien qed jgħamel ir-rapport fuq dak li kien qed isib fil-lokalità.

24.3.4 Is-Sur Pillow spjega li hemm problema bħal prodott li qed jintuża sabiex isiru l-marki fit-toroq u kif ix-xogħol li sar qed jiġi mqassam fuq perjodu twil fuq l-istess biċċa xogħol.

- *Laqgħa mas-Sur Mario Cutajar*

24.3.5 Il-President informa lill-membri dwar din il-laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 6 ta’ Settembru 2023 fejn ġie diskuss aħjar il-kontribuzzjoni tar-Reġjun mal-Biennale li ser tkun qed tinżamm is-sena d-dieħla.

24.3.6 Is-Sur Chircop speja kif meta jiġi magħżul id-Direttur Artistiku, inkunu nistgħu nikkumbinaw proġett sabiex ikun b'kollaborazzjoni mal-programm tagħhom.

24.3.7 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, tkelmet dwar laqgħa li kellha ma pittur fejn spjegala kif ser ikun qed jipparteċipa flimkien ma' artisti internazzjonali.

24.3.8 Is-Sur Chircop żied jgħid kif marbuta ma' l-istess suġġett, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll mal-Maniġer tal-Kultura, inżammet laqgħat oħra nhar il-Ġimgħa 1 ta' Settembru 2023 mas-Sa Maryanne Cauchi mill-Arts Council Malta sabiex jiġu diskussa xi mistqosijiet relatati mat-titlu, Reġjun Kulturali għas-sena 2024. Ġiet diskussa s-sejħa ta' Direttur Artistiku u dwar il-bord li għandu jiġi fformulat biex jiġi magħżul dan il-persuna.

24.3.9 Is-Sur Chircop kompla jispjega kif qed jigi propost sabiex il-bord ikun kompost minnu bħala *Chairman*, is-Sa Maryanne Cauchi f'isem l-Arts Council Malta, Is-Sa Marisa Pisani jew xi ħadd min-naħa tad-Diviżjoni għal-Gvern Lokali, Uffiċċjal Pubbliku indipendenti.

24.3.10 Hu żied jgħid kif għal dawn l-intervisti għandu jkun hemm ukoll Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer tal-Kultura bħala osservaturi biss u mingħajr vot.

24.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif din is-sejħa ser tagħlaq nhar il-Ħadd 24 ta' Settembru 2023.

- *Seminar - 'Clean Localities – Our Shared responsability'*

24.3.12 Il-President fakkar lill-membri dwar dan is-seminar li ser ikun qed jinżamm il-Ġimgħa 6 t'Ottubru 2023 ġewwa l-Urban Valley Resort, San Gwann.

24.3.13 Is-Sur Chircop spjega kif ser tkun imqassma l-aġenda għal dan is-seminar u kif għal dan il-għan inżammet laqgħa mis-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, il-bieraħ ġewwa l-uffiċċju tar-Reġjun sabiex is-Sindki jkollhom opportunità jressqu l-punti tagħhom.

24.3.14 Is-Sur Chircop irringrazzja lil dawk kollha li kienu attendew u ressqu l-punti tagħhom.

- *Laqgħa dwar il-Kick Scooters*

24.3.15 Il-President għamel referenza għal din il-laqgħa li kienet ġiet imsejħa minn TM lis-Sindki biss flimkien mal-President tar-Reġjun.

24.3.16 Is-Sur Chircop spjega kif hu ġibed l-attenzjoni li mill-komunikazzjoni li ġiet mgħotija f'din il-laqgħa deher li l-informazzjoni kollha li kienet ingħatat mir-Reġjun kif ukoll id-diversi laqgħa li kienu nżammu, kien jidher li kien kollu sar għalxejn.

24.3.17 Is-Sur Chircop spjega kif il-problema b'dawn l-iscooters kif ukoll problemi oħra, fosthom relatat mat-Tribunal Lokali, fuq l-iskart kif ukoll fuq l-uffiċċini għar-Reġjun, waqt laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici flimkien mas-Segretarju Parlamentari għal-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli.

24.3.18 Is-Sur Chircop spjega kif ser tkun qed taħdem il-proċedura sabiex jiġu ndirizzata l-problemi relatati max-*short lets.*

- *Social Impact Assessment*

Infakrukom fil-Focus Groups tas-social impact assessments. Napprezzew jekk tattendu u taghtu l-kontribuzzjoni tagħkom.

- *clean-ups mill-Kunsilli Lokali*

Matul dawn l-aħħar ġimgħatejn saru diversi Nixtieq nieħu din l-opporunità biex ngħid prosit lil dawk kollha li ħadu sehem.

## 24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

24.4.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 24.6 Rapporti

24.6.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi mressaq f'din il-laqgħa.

## 24.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- ***Aġġornament fuq l-Uffiċjali Reġjonali***

24.7.1 Il-President informa lill-membri kif is-sejħa għal-Projects Manager reġgħet inħarġet wara li ngħatat l-approvazzjoni mid-Diviżjoni għal-Gvern Lokali u Jobsplus.

24.7.2 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

24.7.3 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif il-persuna magħżula għall-pożizzjoni ma' l-EU/Local Funds Manager ma kinitx aċċettat din il-pożizzjoni u għal din ir-raġuni ġiet ikkunsidrata t-tieni applikanta.

24.7.4 Wara li ġew ivverifikati l-kwalifiki ta' din il-persuna, Jobsplus ikkonfermat li hija eleġibbli u għal din ir-raġuni s-Sa Marija Vassallo ġiet infurmata b'din id-deċiżjoni.

24.7.5 Is-Sur Chircop spjega kif is-Sa Vassallo għandha sa nhar l-Erbgħa 20 ta' Settembru 2023 sabiex tinfurmana bid-deċiżjoni tagħha. Jekk din ma taċċettax din il-pożizzjoni, hu spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed terġa toħroġ is-sejħa.

24.7.6 B'referenza għal-pożizzjoni ta' IT Manager, is-Sur Chircop spjega kif għadhom qed jigu vverifikati u aġġornament dwar dan jingħata 'l quddiem.

- ***Clerk fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant (Scale 15)***

24.7.7 Il-President informa lill-membri kif il-Bord kompost minnu flimkien mas-Sur Anthony Dalli, is-Sur Conrad Borg Manche u s-Segretarju Eżekuttiv kienu iltaqgħu fl-uffiċċju nhar it-Tnejn 18 ta' Settembru 2023 sabiex jinżammu l-intervisti ma' dawk l-applikanti li kienu eleġibbli għal din il-pożizzjoni.

24.7.8 Is-Sur Chircop spjega kif il-bord qabel sabiex is-Sur Christian John Grima ikun magħżul għal din il-pożizzjoni. Jekk is-Sur Grima ma jaċċettax il-pożizzjoni, t-tieni għażla tkun tas Sa Francesca Cutajar. U jekk din ma taċċettax it-tielet preferenza tkun is-Sa Theresa Cassar.

24.7.9 Il-membri preżenti approvaw ir-rakomandazzjonijiet imressqa mill-bord.

- *Part Time Cleaner (Scale 18)*

24.7.10 Il-President informa lill-membri kif is-Sur Dylan Cini kien infurmat bid-deċiżjoni meħuda u kif dan aċċetta din il-pożizzjoni.

24.7.11 Hu żied jgħid kif is-Sur Cini ser jibda l-impjieg tiegħu minn nhar it-Tnejn 2 t'Ottubru 2023.

## 24.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Konferenza ECAD*

24.8.1 B'referenza għal din il-konferenza, il-President għamel referenza għal din il-konferenza li ser tkun qed tinżamm f'Ottubru 2023. Hu spjega kif fuq talba mis-Sur Max Zammit dwar din il-konferenza, dan ir-Reġjun iċċekja ma' l-AKL jekk kienx hemm xi komunikazzjoni dwar dan. Peress li l-AKL infurmawna li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni dwar dan peress li l-ġranet jaħbtu mal-European Week of Regions and Cities, xorta waħda inġabru d-dettalji tal-konferenza.

24.8.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, esprima l-interess tiegħu għal din il-konferenza.

24.8.3 Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tibgħat l-informazzjoni kollha relatata ma' din il-konferenza u ser tkun għas-spejjeż tal-kunsill Lokali rispettiv.

- *Kwotazzjonijiet*

24.8.4 Il-President ressaq fuq il-medja kwotazzjonijiet miġbura sabiex jinxtraw żewġ printers ġodda għat-tribunal.

24.8.5 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni ta' Avantech.

24.8.6 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura sabiex jiġi servut ftit ikel waqt it-tnedija tat-*Treasure Hunt* li ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 6 ta' Settembru 2023.

24.8.7 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni provduta mingħand Neriku Catering.

24.8.8 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura sabiex ikun hemm *audiovisual equipment* waqt din l-istess tendija.

24.8.9 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni hija dik provduta mingħand Transient Light and Sound.

- *Kunsill Lokali ta' Birkirkara*

24.8.10 Il-President ressaq talba f'isem dan il-Kunsill dwar applikazzjoni ma' l-Awtorità ta' l-Ippjanar.

24.8.11 Il-membri preżenti approvaw din l-applikazzjoni.

- *Kunsill Lokali ta' l-Iklin*

24.8.12 Il-President ressaq fuq il-mejda talba f'isem dan il-Kunsill sabiex l-ispejjeż dwar servizzi ta' perizja li saru mill-Kunsill għal proġett ta' riġenerazzjoni tal-ispazju miftuħ fi Pjazza Ninu Cremona ikunu jistgħu jitħallsu mill-fond allokat dwar proġetti ta' titjib fil-lokalità.

24.8.13 Hu spjega kif l-ispejjjeż għal dawn is-servizzi professjonali ammontaw għal €9,500 u għaldaqstant dawn il-fondi jistgħu jintużaw biex jitħallsu l-miżati professjonali meħtieġa meta Kunsill Lokali japplika għal Fond għall-Ippjanar tal-iżvilupp. Il-proġett se jkun qed isir minn fondi li hemm ipparkjati fl-Awtorità tal-Ippjanar.

24.8.14 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

24.8.15 Il-President ressaq talba oħra mill-istess Kunsill fejn kien qed jinforma dwar proġett li għaddej ġewwa l-lokalità tal-Iklin dwar il-kwalità tal-arja fl-Iklin. Hu spjega kif il-Kunsill kien iddeċieda b'mod unanimu f'waħda mis-seduti li l-Kunsill għandu jikkummissjona studju xjentifiku billi jiġu stallati Monitoring stations f'diversi żoni madwar L-Iklin fuq perjodu ta' 28 ġurnata biex jittieħed kampjun tal-arja u jitħejja rapport bir-riżultati u l-konklużjonijiet. B'dan il-mod, il-Kunsill se jkollu f'idejh Air Quality Monitoring Report bl-evidenza kollha biex naraw il-pass 'il quddiem. L-istudju ser jiswa lill-Kunsill €3,400 u għaldaqstant il-Kunsill qed jitlob lill-Kunsill Reġjonali Lvant biex din l-ispiża tkun tista titħallas mill-fond disponibbli għal proġetti ta' titjib fil-lokalità.

24.8.16 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *MOU ma' LESA*

24.8.17 Il-President ressaq fuq il-mejda *Memorandum of Understanding* li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand l-Aġenzija LESA għar-rimborz tas-sena 2023.

24.8.18 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li hi kienet infurmat lis-Sur Svetlick Flores bit-tibdil ta' l-impjegati marbuta mat-Tribunal Lokali u kif din l-informazzjoni ser tkun mibdula.

24.8.19 Il-membri preżenti approvaw dan l-MOU u għal din ir-raġuni ser ikun qed jiġi ffirmat.

## 24.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

24.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

24.9.2 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tivverifika pagament dovut lill-Kunsill ta' Ħal Lija fuq proġett li diġa sar.

24.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota u nfurmata li ser tkun qed tivverifika dwar dan ma' l-Accounts Officer biex jekk id-dokumenti mitluba huma tajbin, il-pagament ikun jistà jkun inkluż fl-iskeda ta' ħlasijiet fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

24.9.4 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, staqsa jekk il-pagament lill-kuntrattur tal-ġbir taż-żibel kienx inkluż fl-iskeda li kienet ġiet imressqa.

24.9.5 Il-President u s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermaw li l-pagament kien inkluż fl-iskeda ta' ħlasijiet.

24.9.6 Is-Sur Pillow qal li l-Kunsill Lokali tiegħu ser ikun qed iżomm il-flus.

24.9.7 Il-President informa lill-membri kif ir-Reġjun diġa qiegħed f'kuntatt ma' l-avukat sabiex rapporti bħal dak li bagħat il-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema, jiġu ndirizzata flimkien ma' nuqqasijiet oħra. Minħabba din ir-raġuni, hu ssuġġerixxa li r-Reġjun għandu jimxi mal-gwida mgħotija mill-avukat imqabbad biex jiġu kkwotata t-termini legali li hemm fil-kuntratt.

24.9.8 Is-Sur Pillow insista li l-kuntrattur m'għandux jingħata l-pagament.

24.9.10 Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, qalet li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara sejjer tajjeb bil-kuntratt u m'għandiex l-istess problema kif għandu s-Sur Pillow.

24.9.11 Is-Sur Chircop spejga kif il-vot irrid jittieħed mingħand kulħadd preżenti.

24.9.12 Is-Sur Pillow irrimarka li hu għandu riserva fuq il-pagament relatat mal-Kunsill Lokali tas-Sliema u għal din ir-raġuni x-xahar li ġej dan il-pagament mhux ser ikun qed tinħareġ il-parti tiegħu.

24.9.13 Il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sekondat mis-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 21A u 21B.

24.9.14 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 24.10 Mozzjonijiet

24.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 24.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

24.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 23 ta' Ottubru, 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |